DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 73/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 56/2008 tal-25 ta' April 2008 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar konsenji dwar l-iskart ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 iħassar, b'effett mit-12 ta' Lulju 2007, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ([3]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/774/KE ([4]) li huma inkorporati fil-Ftehim u li konsegwentement għandhom jitħassru taħt dan il-Ftehim.

(4) L-adattazzjonijiet preżenti għar-Regolament (KEE) Nru 259/93 u d-Deċiżjoni 94/774/KE fir-rigward ta' Liechtenstein għandhom, fis-sustanza, jibqgħu l-istess,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1) It-test ta' punt 32c (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"**32006 R 1013**: Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar konsenji ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

L-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fl-Annessi ta' l-Att dwar l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għal-Latvja (Anness VIII, Kapitolu 10, Sezzjoni B, punt 1), l-Ungerija (Anness X, Kapitolu 8, Sezzjoni A, punt 1), Malta (Anness XI, Kapitolu 10, Sezzjoni B, punt 1), il-Polonja (Anness XII, Kapitolu 13, Sezzjoni B, punt 1) u s-Slovakkja (Anness XIV, Kapitolu 9, Sezzjoni B, punt 1) li jikkonċernaw ir-Regolament (KEE) Nru 259/93 għandhom ikunu applikabbli *mutatis mutandis*.

L-arranġamenti tranżizzjonali stabbiliti fl-Annessi ta' l-Att dwar l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Sezzjoni B, punt 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Sezzjoni B, punt 1) li jikkonċernaw ir-Regolament (KEE) Nru 259/93 għandhom ikunu applikabbli *mutatis mutandis*.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) Fir-rigward ta' l-esportazzjoni ta' l-iskart għall-irkupru (Titolu IV, Kapitolu 2 tar-Regolament), Liechtenstien għandu jitqies bħala pajjiż li għalih tapplika d-Deċiżjoni OECD.

([1]) ĠU L 223, 21.8.2008, p. 54.
([2]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1.
([4]) ĠU L 310, 3.12.1994, p. 70.

(b) Għall-iskart perikoluż li jiġi dispost jew irkuprat fl-Iżvizzera, il-Liechtenstein jista' juża n-notifika u d-dokumenti tal-moviment Żvizzeru minflok il-formoli standard annessi mar-Regolament.

(c) Fl-Artikolu 2(29) il-kliem "jew fit-territorju ta' l-Istati ta' l-EFTA" għandhom jiżdiedu wara l-kliem "it-territorju doganali tal-Komunità"."

2) Fit-test ta' adattazzjoni ta' punt 32aa (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532 KE) il-kliem "u msemmi mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93" fl-aħħar sentenza għandu jinbidel mal-kliem "u msemmi mir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill".

3) It-test tal-punt 32ca (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/774/KE) għandu jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.